MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 311/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Daniel Galea**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Daniel Galea bin Mario u Frances nee Zafffarese imwieled tal-Pieta' fit-8 t'Ottubru 1992 u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 00486692(M)

akkużat talli fis-27 ta’ Frar 2011 għall-ħabta tad-20.45 ta’ filgħoxija fi Triq Toni Zahra, iż-Żejtun

a) Suq il-vettura numru CBH-921 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita’ għat-Trasport f’Malta taħt dik il-kategorija speċifikata għall-imsemmija vettura;

b) U aktar talli saq l-imsemmija vettura meta ma kienx kopert bil-polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskju ta’ terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat milli jieħu jew li jkollu xi liċenzja tas-sewqan għal dak il-perjodu ta’ żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq. U dan ai termini tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 u skont l-artikolu 3 tal-Kap 104.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fid-29 ta’ Mejju 2012 fl-ismijiet premessi fejn il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u kkundannatu għall-ħlas ta’ multa ta’ elfen u erba’ mitt Ewro €2400 u skwalifikatu milli jkollu xi liċenzja tas-sewqan għal żmien sena.

Rat ir-rikors tal-appell intavolat mill-appellant fil-11 ta’ Ġunju 2012 fejn l-aggravju ewlieni tiegħu huwa li l-Qorti tal-Maġistrati qatt ma jmissha sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. L-appellant issottometta li l-Qorti kienet għamlet apprezzament ħażin tal-fatti.

Jirriżulta li hemm animożita’ qawwija bejn l-appellant u Jurgen Magro. Dan tal-aħħar kien qal li ra lill-appellant jsuq vettura lewn ċelesti fis-27 ta’ Frar 2011 fi Triq Toni Zahra ż-Żejtun. Minħabba li beża’ li ser jinqala’ xi nkwiet Jurgen Magro kien ċempel lil missieru, Joseph Magro. Joseph Magro qal li ra lil Daniel Galea jsuq u li huwa kien għamel ir-rapport fl-għassa tal-Pulizija għall-ġid ta’ Daniel Galea stess beix ma jibqax isuq.

L-appellant kien tella’ xhieda li jikkontradixxu dan kollu. Huwa kien xehed ukoll u nnega li kien saq il-vettura ta’ missieru. Filfatt missieru qatt ma jħalli ċ-ċavetta tal-karozza aċċessibbli għaliex l-appellant kien diġa’ nqabad isuq bla liċenzja.

Missier l-appelalnt kien xehed li f’dak il-jum l-appellant kien id-dar mal-ħabib tiegħu. Kien biss ftit qable ma ċemplu l-pulizija li ibnu ħareġ mid-dar.

Omm l-appellant xehdet li dak in-nhar fl-allegat ħin tal-inċident binha kien id-dar jilgħab mil-computer ma’ ċertu Rene’ Cassar.

Dan tal-aħħar xehed ukoll li huwa kien tela’ l-għassa f’dak il-jum stess li sar ir-rapport sabiex jgħarraf lill-pulizija li l-appellant kien id-dar u mhux isuq xi karozza.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat l-affidavit ta’ WPS 152 S.Haber a fol 2 et sequitur. Dan ir-rapport sar għall-ħabta tad-21.00 fis-27 ta’Frar 2011. Tissemma l-karozza Fiat Punto u n-numru tar-reġistrazzjoni tagħha. Jurgen Magro kien qal li Daniel Galea u sħabu ma kinux insulentawh. Meta WPS 152 S.Haber kellem lil missier Daniel Galea, missier Daniel Galea kien ċaħad li t-tifel kien saq il-karozza. Mario Galea kellu rogħda kbira fuqu waqt li kien qed ikellmu dan ix-xhud.

Rat ukoll il-kwerela magħmula minn Dr Marion Falzon f’isem il-klijent tagħha DanielGalea [1]

Minħabba allegat rapport falz. L-ispettur Mercieca kien ta struzzjonijiet biex jaraw jekk Jospeh Magro u Jurgen Magro kinux lesti li jitilgħu jixhdu li raw lil Daniel Galea isqu. Dawn wieġbu li kienu lesti li jitilgħu jixhdu u wara nħarġu l-akkużi fil-konfron tagħhom.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett dan kien apprezzament tal-fatti magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati ud in il-Qorti mhux ser tiddisturba dan l-apprezzament ħlief għal raġuni impellenti.

Il-Qorti semgħet ix-xhieda mill-ġdid. Dawn fil-qosor xehdu dan li ġej:

Stephen Cachia, rappreżentant ta’ Transport Malta, xehed li Daniel Galea kien ġab il-liċenzja tas-sewqan kategorija B fit-3 ta’ Mejju 2011.

Jurgen Magro xehed li fis-27 ta’ Frar 2011 huwa kien ra lill-appellant isuq Fiat punto għal xi 20.40. Kien hawn li ċempel lil missieru minħabba li diġa’ kellu l-Qorti kontra l-appellant. Ftit wara reġa’ ra

[1] Fl-affidavit il-kunjom jidher bħala Falzon

lill-appellant jieqaf quddiemu iżda malli lemaħ lil missieru baqa' sejjer. Huwa kien għaraf lill-appellant bħala s-sewwieq tal-karozza.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-appellant kien ipprova jsuq għal fuqu. Ix-xhud qal li huwa kien dam f'dak il-post bejn ħames u għaxar minuti. Ix-xhud qal li l-appellant kien joqgħod f'dawk l-inħawi iżda t-triq minn fejn kien għaddej mhix triqtu. Huwa kien seta' jagħraf lill-appellant minħabba li fejn kien qiegħed l-appellant kien hemm id-dawl. Barra dan, kif dar il-kantuniera, reġa' bbrekja. Meta kien ippressat mill-Qorti, ix-xhud wieġeb li kien tassew li ra lill-appellant isuq f'dak il-jum. Kien hemm persuni oħrajn fil-karozza iżda ma għarafhomx.

Xehed ukoll Joseph Magro li kien mar fuq il-post wara li kien ċempillu ibnu Jurgen. Huwa kien lemaħ lil Daniel Gaela ma' xi tlieta jew erba' persuni oħra fil-karozza. Huwa mbagħad mar jsitenna lil ibnu fit-tarf tat-triq fejn joqgħod u Daniel Galea dar bil-karozza ma' sħabu. Dan ibbrekja u ħaseb li ser jagħmel xi ħaġa lit-tifel. Ix-xhud kien propju fuq il-post biex ma jinqalax inkwiet. Kien għalhekk li marru l-għassa għaliex it-tifel ma kienx qed iħossu komdu bis-sitwazzjoni.

Fil-kontro-eżami huwa qal li dak il-jum ma kien inqala' ebda inċident bejn l-appellant u ibnu. Biss l-appellant beda jħuf wara ibnu. Huma kienu jafu li l-appellant ma kellux liċenzja u dak in-nhar l-appellant kien qiegħed isuq Fiat Punto. Ix-xhud qal li kien mija fil-mija li l-appellant kien qed isuq. Huwa ma kienx jaf min kien hemm fil-karozza għax kien id-dlam.

Xehed Daniel Galea li qal fid-9 neqsin kwart tas-27 ta' Frar 2011 huwa kien qiegħed id-dar jinħasel waqt li kien hemm ħabib jiekol għandu. Kien mar l-għassa ma' ommu, missieru u ma' ħabibu Rene' Cassar. Huwa nnega li kien qed isuq il-karozza fil-post indikat. Xi żmien qabel Jurgen Magro kien qal ukoll li x-xhud kien saq għal fuqu iżda x-xhud kien ħareġ liberat.

Xehed Rene Cassar li qal li kien għand Daniel Galea għaliex huma ħbieb. Fit-triq lejn Birżebbuġa kien qed isuq ħabib ieħor tagħhom, ċertu Glenn meta omm Daniel ċemplet biex imorru l-għassa. Fil-kontro-eżami huwa qal li kien wasal għand Daniel għall-ħabta tat-20.20. Huma kienu telqu mid-dar ta' Daniel għall-ħabta tad-9.00pm.

Xehdet ukoll Frances Galea, omm Daniel Galea li kkonfermat li l-Fiat Punto kienet tar-raġel tagħha Mario Galea. Iċ-ċavetta tal-karozza kienet għand ir-raġel tagħha l-ħin kollu u r-raġel kien għadu ġej minn għand oħtu. Hija qalet li Daniel Galea żgur ma kienx ħareġ mid-dar. Jekk kien ħareġ kien filgħodu. Fil-kontro-eżami hija qalet li filgħaxija ħarġu għad-9 neqsin kwart.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-apprezzament tal-fatti.**

Fil-fehma tal-Qorti, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet kemm legalment kif ukoll dwar il-fatti. Il-Qorti kkonsidrat dan li ġej:

(a)Id-difiża saħqet li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni kienu jafu li l-appellant ma kellux liċenzja, mill-affidavit ta' WPS 152 ta' meta marru jagħmlu r-rapport Jurgen Magro u missieru Joseph Magro kien rapport dwar possibilita' ta' intimidazzjoni aktar milli rapport dwar li l-appellant kien qed isuq mingħajr ma kellu liċenzja.

(b) Bħall-ewwel Qorti, din il-Qorti qed issib ix-xhieda ta' Joseph Magro u Jurgen Magro bħala aktar veritjiera. Dawn ix-xhieda ma żiedu xejn. Jekk ma ftakrux in-numru tal-karozza, qalu li ma ftakruhx. Jekk m'għarfux il-persuni li kien hemm ġol-karozza, qalu li m'għarfuhomx. U jekk għarfu lill-appellant, dan sar minħabba li kien hemm id-dawl fejn waqaf bil-karozza jew meta xegħel il-brejk.

(ċ) It-time frame huwa wkoll wieħed ta' min joqgħod fuqu. Frances Galea xehdet li kienu ħarġu għad-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija. Ir-rapport sar għall-ħabta tad-21.00. Id-distanzi involuti huma żgħar u bil-karozza malajr wieħed jasal kullimkien ġoż-Żejtun. Ma kienx hemm għalfejn li Mario Galea jkun 'ilu' d-dar sabiex ikun hemm ftit minuti ċans sabiex issir ġirja żgħira bil-karozza. (Quddiem din il-Qorti Mario Galea ma xehedx).

(d) Jidhru wkoll li x-xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni baqgħu determinati li jitilgħu jixhdu wkoll meta nġibditilhom l-attenzjoni li jistgħu jkunu akkużati li għamlu rapport falz. Dan jidher li għamluh bla eżitazzjoni ta' xejn u mhxu qagħdu jaħsbuha.

(e) Fl-aħħarnett mhux kull konflitt ta' provi jwassal biex imputat ikun liberat. Huwa d-dmir ta' Qorti li tgħarbel x'għidu x-xhieda u tara tasalx għall-verita'. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni raġonevoli.

Mill-bqija mill-provi jirriżulta li fil-jum tas-27 ta' Frar 2011 l-appellant kien għadu bla liċenzja biex jista' jsuq għaliex huwa ġab il-liċnezja fit-3 ta' Mejju 2011.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2012 fl-intier tagħha. Is-sospensjoni tal-liċenzja tibda tgħaddi f'24.01 tal-għada li tingħata din is-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------